# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR161532, Press Release Issue Date: Jul 08, 2016

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara informazzjoni li rċieva dan id-Direttorat permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (*Rapid Alert System for Food and Feed*), il-prodott imsemmi m'għandux jiġi kkunsmat minħabba li nstab li fih livelli għoljin ta' ċjanur (*cyanide)*.

Iċ-ċjanur (*cyanide*) jifforma wara reazzjoni mal-kimika *Amygdalin* li tinstab b'mod naturali fil-qlub ta' frott bħal berquq u *papaya*, fil-lewż u pjanti bħal fażola ta' lima, xnien/silla u *sorghum*. Konsum għoli ta' dawn il-prodotti jista jwassal għal tossiċità.

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-Prodott:** | Qlub tal-berquq ħelwin |
| **Ditta:** | Morgenland |
| **Użin:** | 250g |
| **Numri tal-Lott:** | L160571 u L160369 |
| **Dati tad-durabbilita`:** | 22/03/2017 u 02/03/2017 |
| **Oriġini:** | Pakistan |

Il-kumpanija involuta ddikjarat li parti mill-konsenja laħqet inbiegħet, għaldaqstant id-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq in-numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat *email* fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab f'Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuq http://health.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspxgħal informazzjoni simili.